MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 280/2009

**Vodafone Malta Limited (C-10865)**

**Vs**

**Ace Freighters Limited (C-12651)**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mis-socjeta’ attrici permezz ta’ liema titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ hamest elef tmienja u sebghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,078.21) rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ linji ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phones bin-numri: 99471388, 99454446 u 99823791. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru pprezentat kontestwalment u tal-mandat ta’ qbid numerat 1637/09, u bl-imghax legali mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ konvenuta.

Rat illi s-socjeta’ konvenuta ghalkemm debitament notifikata bir-Rikors permezz tal-procedura ta’ l-affissjoni u pubblikazzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 187(3) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, naqset milli tipprezenta Risposta ghat-talbiet attrici u lanqas dehret ghas-seduti iffissati minn din il-Qorti;

Rat il-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta fit-28 ta’ Frar 2011 u l-fatt li s-socjeta’ konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Peress illi s-socjetà konvenuta naqset li tidher quddiem il-Qorti biex tirrispondi ghall-Kapitolu pprezentat fil-konfront taghha mis-socjetà attrici, l-istess Kapitolu qed jitqies moqri u mistqarr. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas is-somma ta’ hamest elef tmienja u sebghin Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€5,078.21) rapprezentanti rapprezentanti prezz ta’ servizzi ta’ linji ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta in konnessjoni ma’ mobile phones bin-numri: 99471388, 99454446 u 99823791, bl-imghax legali dekoribbli mid-data meta l-ammont sar dovut sad-data ta’ l-effettiv pagament.

L-ispejjez relattivi ghal dawn il-proceduri u l-ispejjez relattivi ghall-Mandat ta’ Sekwestru pprezentat kontestwalment mar-Rikors promotur u ghall-Mandat ta’ Qbid numerat 1637/09 jkunu a karigu tas-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------